29 ta' Settembru, 1947.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Antonia Gauci et.

**Rekwiżizzjoni — "Competent Authority" — Housing Commissioner — Kompetenza — Validità ta' Liġi jew Ordni — Malta Defence Regulations 1939 — Protection Officers Regulations 1942, Art. 21 (c) — Ordinanza XIV ta' l-1946 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 380/1939.**

*Il-Qrati Kolonjali jistgħu jindaħlu biex jiddeċiedu eċċezzjoni li tiġi sollevata quddiemhom dwar il-validità jew le ta' liġi jew ordni li jirrigwardaw il-kwistjoni li tkun inġiebet quddiemhom.*

*Il-poter tal-Gvernatur, mogħti lilu bis-saħħa tal-Malta Defence Regulations, li jinnomina "competent authority", ma hux limitat; partikolarment ma hux limitat fis-sens li l-Gvernatur jista' jinnomina, imma ma jistax jagħti lill-persuna minnu nominata s-setgħa tad-delega.*

*Għaldaqstant, meta l-Gvernatur ħareġ il-Government Notice 380/1939, li biha huwa nnomina lil Lieutenant Governor bħala "Competent Civil Authority" għall-finijiet tal-Malta Defence Regulations, u fl-istess ħin tah is-setgħa li jiddelega s-setgħat tiegħu lil xi uffiċjal ieħor, li b'hekk isir hu stess "competent authority", ma għamilx ħlief eżerċita dak id-dritt li kellu.*

*Għalhekk ukoll, in-nomina tal-Housing Commissioner, magħmula mill-Lieutenant Governor bis-saħħa tal-poteri hekk lilu delegati, ma hix "ultra vires".*

*Lanqas ma hija "ultra vires" l-Ordinanza XIV ta' l-1946 illi żammet in vigore, fost oħrajn, ir-regolament 52 tal-Malta Defence Regulations; għax dik l-Ordinanza saret mill-Gvernatur bil-parir u l-kunsens tal-Kunsill tal-Gvern, li skond il-Letters Patent ta' l-1939 kellu s-setgħa jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvern tajjeb ta'*

*Malta; u dak ir-regolament 52 tal-Malta Defence Regulations ma fih xejn li jmur 'il hemm mill-poteri li kellu dak il-Kunsill.*

*Il-"lawful excuse" li tiġġustifika n-nuqqas ta' obbedjenza għal ordni tal-Housing Commissioner biex wieħed iħattal dar u joħroġ minnha, mhix deduċibili f'każ ta' min jidħol f'dar mingħajr il-permess tal-Housing Commissioner meta kien jaf li dik id-dar kienet rekwiżizzjonata.*

B'ċitazzjoni preżentata fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, l-imsemmijin Gauci u Barbieri ġew akkużati talli r-Rabat, bejn it-23 u t-28 ta' Mejju 1947, abbużaw billi mingħajr awtorità tal-Kummissarju tad-Djar, u b'mezzi illegali, daħlu fid-dar nru. 1, Triq Bir ir-Riebu, waqt li din id-dar kienet taħt "requisition order", u b'hekk ikkaġunaw inkonvenjenza lid-Dipartiment tad-Djar;

B'sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju 1947 dik il-Qorti sabithom ħatjin skond l-imputazzjoni u kkundannat lil kull wieħed minnhom għall-piena tal-multa ta' £1, u ordnatilhom biex fi żmien ħmistax-il ġurnata jneħħu l-inkonvenjent u jħallu d-dar fuq imsemmija għad-dispożizzjoni libera tal-Housing Commissioner, taħt penali ta' 5s. kuljum għal kull ġurnata ta' nuqqas; b'dan ukoll li jekk fi żmien xahar mill-iskadenza tat-terminu fuq imsemmi l-imputati ma jkunux neħħew l-inkonvenjent, f'għeluq dak iż-żmien il-Pulizija hija awtorizzata tneħħi hi stess l-inkonvenjent bi spejjeż ta' l-imputati;

L-imputati appellaw;

Wara li semgħet it-trattazzjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

L-appell hu estiż anki għaż-żewġ deċiżjonijiet tal-21 ta' Lulju 1947 (fol. 13-17);

Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet jirriferixxu għall-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellanti, illi:—

1. Il-Government Notice 380 ta' l-1939 hija "ultra vires";

2. Illi l-Ordinanza XIV ta' l-1946 hija wkoll "ultra vires";

3. Illi għalhekk ir-"requisition order" hu null;

Kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell, Sedi Civili, fil-kawża "Micallef Goggi vs. Mifsud", 25 ta' Ġunju 1930, il-Qrati Kolonjali jistgħu jidħlu fi kwistjonijiet simili. Fil-każ ta'

Judge Boothby, il-Colonial Secretary kien ta l-opinjoni tal-"law officers" fuq din il-materja, u fuq l-opinjoni tagħhom hu informa lill-Gvernatur tas-Sud Awstralja illi "a colonial judge is not only at liberty, but is bound to entertain the question whether a colonial law, material to the decision of the question before him, is or is not valid" (ara awtoritajiet oħra ċitati fl-imsemmija deċiżjoni);

Ikkunsidrat;

Bil-Government Notice 380 ta' l-1939 l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur innomina lis-Sinjurija Tiegħu l-Lieutenant Governor bħala l-"*Competent Civil Authority*" għall-finijiet tal-Malta Defence Regulations, u awtorizzah li jiddelega s-setgħat tiegħu lil xi uffiċjal ieħor, li b'hekk isir hu stess il-"competent authority";

Id-difiża qiegħda tattakka d-delega fis-sens li tgħid illi l-Gvernatur ma kellux il-jedd li jagħti l-poter tad-delega lill-uffiċjal minnu nominat;

Issa ma hemmx dubju illi l-Gvernatur għandu s-setgħa li jinnomina l-"competent authority" in bażi għall-art. 3 tal-Malta Defence Regulations. Id-dritt tiegħu ta' nomina ma hux limitat; partikolarment ma hux limitat fis-sens li jista' jinnomina, imma ma jistax jagħti l-poter tad-delega. Għalhekk, meta l-Gvernatur ħareġ il-Government Notice fuq imsemmija, 380 ta' l-1939 (li nżammet in vigore bil-Government Notice 417 ta' l-1939 u bil-Proklama nru. XLIII ta' l-1939), hu ma għamelx ħlief eżerċita dan id-dritt li kellu, jiġifieri innomina (1) il-Lieutenant Governor u (2) kull uffiċjal ieħor delegat minn dan ta' l-aħħar;

Kieku kellha tiġi akkolta t-teżi tad-difiża, il-konsegwenza kienet tkun illi tiġi indotta limitazzjoni fil-poter tal-Gvernatur li fil-liġi ma hemmx. Il-fakoltà tiegħu hija illimitata. Għalhekk hu jista' jinnomina bħala "competent authority", sija direttament, sija indirettament per mezz tad-delega tan-nomina li jagħti lill-ewwel nominat. In-nomina tibqa' dejjem tal-Gvernatur, għaliex intant l-ewwel nominat jista' jinnomina lil ħadd ieħor inkwantu hu mogħti s-setgħa, għal daqshekk, mill-Gvernatur;

L-eċċezzjoni tad-difiża kieret tkun f'lokha kieku l-Lieut. Governor ma kellux il-poter tas-sostituzzjoni, mogħti lilu mill-Gvernatur, u intant innominaa lil ħadd ieħor;

Għalhekk din l-eċċezzjoni ma hijiex bażata;

Kwantu għall-Ordinanza XIV ta' l-1946, ma jidhirx li hemm xejn "ultra vires" filli żammet in vigore, fost oħrajn, ir-regolament nru. 52 tal-Malta Defence Regulations. Il-Kunsill tal-Gvern, jew aħjar l-Gvernatur bil-parir u l-kunsens tal-Kunsill, seta' jagħmel, skond il-Malta Letters Patent ta' l-1939, liġijiet għall-paċi, ordni u l-gvern tajjeb ta' Malta, dejjem "subject to the provisions of these Letters Patent" (ara art. 27). Issa ma hemm xejn fil-kontenut tar-reg. 52 tal-Malta Defence Regulations li, bħala materja leġislativa, imur 'l hemm mill-poteri tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill seta' jżomm dak ir-regolament in vigore billi, in sostanza, jillegifera "by wholesale reference" għal dak ir-regolament. Infatti dan hu in sostanza dak li għamel il-Kunsill b'dik l-Ordinanza — għamel liġi l-materja ta' dak ir-regolament, b'riferenza "wholesale" għall-kontenut tiegħu. Anzi proprjament għamel modifikazzjoni waħda, fis-sens li emenda l-kliem "in the interests of public safety, defence or the efficient prosecution of the war", u ssostitwixxa għalihom (ara art. 4 ta' l-Ordinanza), il-frażi ġenerika "the public interest". Għalhekk dik l-Ordinanza hija — għal dak li jirrigwarda r-regolament nru. 52 — in sostanza "enactment" tiegħu "by wholesale reference" bl-emenda fuq imsemmija. Ma hemm xejn "ultra vires" fil-materja mgħoddija bħala liġi; anzi forsi hu aħjar illi, meta hu possibili, il-liġi ssir bil-poteri ordinarji milli b'eżerċizzju tal-poteri straordinarji;

Għalhekk anki din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata;

Fil-meritu;

Il-fatt ma hux kontrastat;

In kwantu għad-difiża tal-"lawful excuse" skond l-art. 21 (c) tal-Protection Office Regulations 1942, dina mhijiex deduċibili f'dan il-każ. Infatti hawn mhux il-każ ta' nuqqas li wieħed jobdi l-ordni, imma l-każ ta' "ragion fattasi", konsistenti filli l-imputati, kif mhux kontrastat, għalkemm kienu jafu li l-post kien taħt is-setgħa tal-Housing Commissioner,

daħlu fih abużivament, u kisru għalhekk mhux biss id-dispożizzjonijiet tal-Government Notice 435 ta' l-1942, ċitati fis-sentenza appellata, imma wkoll dawk tal-Kodiċi Kriminali, fiha wkoll ċitati, senjatament dik ta' l-art. 84, Kap. 12. Għalhekk ukoll ma tidħolx il-kwistjoni tad-"dritt tal-preferenza", għaliex min, kieku stess, għandu dan id-dritt, ma jeżerċitahx arbitrarjament, imma skond il-liġi u bil-formalitajiet minnha preskritti;

*Omissis*;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell fuq il-punti kollha;

U billi tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna illi ż-żmien mogħti mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.